

Brussell, 3 ta' Novembru 2021
(OR. en)

13195/21

COH 58
CADREFIN 441
POLGEN 178
ECOFIN 1023
ENV 773
TRANS 621
PECHE 390
JAI 1125
ENER 444
MI 771
MAR 196
COMPET 736
AGRI 505
SUSTDEV 136
RECH 466

NOTA

| | |
|----------|--|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | L-inklużjoni tar-Repubblika ta' San Marino fl-Istrateġija tal-UE għar-Reġjun Adrijatiku-Jonju (EUSAIR) – <i>Adozzjoni</i> |

1. Fl-ittra tagħhom tal-15 ta' Ġunju 2021, l-erba' stati membri tal-UE tal-EUSAIR (il-Kroazja, il-Greċja, l-Italja u s-Slovenja) talbu lill-Presidenza Portugiża tal-Kunsill tal-UE biex tniedi l-proċedura fil-Kunsill għall-inklużjoni tar-Repubblika ta' San Marino fl-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għar-Reġjun Adrijatiku u Jonju (EUSAIR)¹.

¹ WK 11076/21.

2. Abbozz ta' konklużjonijiet tal-Presidenza dwar l-inklużjoni tar-Repubblika ta' San Marino fl-EUSAIR ġie eżaminat fil-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma dwar Miżuri Strutturali u Reġjuni Ultraperiferiċi tat-30 ta' Settembru 2021². Id-delegazzjonijiet qablu mal-abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill kif jinsab fl-Anness ma' dan in-nota.
 3. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jagħti parir lill-Kunsill biex jadotta dawn il-konklużjonijiet tal-Kunsill kif jinsabu fl-Anness ma' din in-nota.
-

² WK 11150/21.

Abbozz

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-inklużjoni tar-Repubblika ta' San Marino fl-EUSAIR

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

- (1) WAQT LI JFAKKAR fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tad-29 ta' Settembru 2014¹, li approvaw l-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għar-Reġjun Adrijatiku u Jonju (EUSAIR) ibbażata fuq il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-17 ta' Ġunju 2014²;
- (2) WAQT LI JIKKUNSIDRA d-Dikjarazzjoni ta' Izola tal-11 ta' Mejju 2021 fejn il-Laqgħa Ministerjali Kunsill Adrijatiku u Jonju/EUSAIR wiegħbet b'mod pożittiv għat-talba mressqa mir-Repubblika ta' San Marino biex issir l-għaxar Pajjiż Parteċipant tal-Istrateġija tal-UE għar-Reġjun Adrijatiku u Jonju u pproponiet li l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea jieħu l-passi kollha meħtieġa għall-inklużjoni ta' San Marino fl-EUSAIR;
- (3) WAQT LI JIKKUNSIDRA l-ittra tal-15 ta' Ġunju 2021 mill-erba' stati membri tal-UE tal-EUSAIR (il-Kroazja, il-Greċja, l-Italja u s-Slovenja) lill-Presidenza Portugiża tal-Kunsill tal-UE fejn talbuha tnedi l-proċedura fil-Kunsill għall-inklużjoni tar-Repubblika ta' San Marino fl-EUSAIR, u WAQT LI JINNOTA t-tweġiba tal-Presidenza Portugiża tat-28 ta' Ġunju 2021;
 - A. JILQA' u JAĊĊETTA t-talba mressqa mill-pajjiżi parteċipanti fl-EUSAIR għall-inklużjoni tar-Repubblika ta' San Marino fl-EUSAIR;
 - B. JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex tieħu l-passi meħtieġa għall-inklużjoni tar-Repubblika ta' San Marino fl-EUSAIR u biex tippreżenta lill-Kunsill Strateġija emendata skont dan.

¹ dok. 13503/14.

² dok. 10675/14.